**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 12 ta’ Lulju 2022**

Rikors Numru: 242/22 AL

AB

vs

CD

(MR Numru 1202/2012)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu jikkonferma:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tmienja ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnax (08.06.2012) ġewwa l Parroċca ta' San Girgor, iż-Żejtun, u dan skont ma jirriżulta miċ-certifikat taż-żwieg relattiv hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma tnisslu l-ebda ulied;

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-tlieta ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (03.06.2019) u dan skont ma jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv redatt min-Nutar Dottor Elena Farrugia, hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;

4. Illi ma hemm l-ebda kwistjoni in konnessjoni ma' kwalunkwe ħlas ta' manteniment jew spejjeż oħra bejn il-partijiet;

5. Illi ma hemm l-ebda prospett jew tama ghal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom legalment separati għal diversi snin, huma jghixu wkoll ħajja totalment separata minn xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-otteniment ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Civili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi qed jigi anness mar-rikors odjern l-affidavit tar-rikorrent, hawn anness u mmarkat bħala Dok C.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieg (divorzju) bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, Ajavża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieg (divorzju) tal-partijiet sabiex dan jiġi registrat fir-Reġistru Pubbliku.

U dan skont dawk id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-intimata a fol 12 tal-proċess li permezz taghha esponiet:

1. Illi hija giet a konjizzjoni tar-rikors guramentat ipprezentat mir-rikorrent Rocheteau Curmi, fejn huwa essezjalment talab illi dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg taghhom.

2. Illi l-konvenuta qieghda ai finijiet u l-effetti kollha tal-ligi tikkonferma l-kontenut tal-istess rikors, u konsegwentement, tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet odjerni.

3. Illi konsegwentement l-esponenti qieghda tesebixxi l-affidavit taghha stess sabiex tikkonferma s-suespost, immarkat bhala Dok. A, filwaqt li tiddikjara li mghandha l ebda prova ulterjuri xi tressaq.

Daqstant ghandha l-unur tissottometti l-esponenti.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Gunju 2022;

Rat ir-risposta tal-intimata u l-affidavit bix-xiehda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Gunju, 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.